# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 767/97

John Attard

vs

Direttur tal-Public Works

Illum 22 ta' Frar, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 ir-rikorrenti sofra ingustizzja kif ser jigi llustrat aktar l-isfel.

Illi l-fatti fil-qosor kienu s-segwenti:-

a) Ir-rikorrenti ilu mad-Dipartiment tal-Public Works ghal dawn l-ahhar 18 -il sena cirka wara li gie impjegat bhala labourer mal-Korp tad-Dirghajn il-Maltin.

b) In segwitu ir-rikorrenti lahaq mastrudaxxa (Group D) u fl-1986 cirka gie promoss ghall-Chargehand. Illum ir-rikorrenti huwa Assistant Technical Officer b'effett tar-riforma introdotta fl-1996.

b) Ir-rikorrenti kien ghal xi zmien assenjat mid-Direttur tieghu jifforma parti mill-Quality Control Section taht id-direzzjoni tas-Sur Wallace Casingena.

d) F'din is-Section ir-rikorrenti kien jiehu hsieb il-Polishers Section u fl-assenza tal-kapijiet hu kien jiehu hsieb ukoll tal-Machine Shop Section. Hadem f'diversi sezzjonijiet fosthom it-Traffic Section. Dawn il-mansjonijiet huma ta' Works Technical Officer u huwa dejjem ghamel xogholu b'mod responsabbli u efficjenti.

e) Fl-4 ta' Mejju 1988 harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-post ta' Works Technical Officer izda nonostante li kellu l-esperjenza mehtiega xorta wahda ma ntghazilx. Ir-rikorrenti huwa attivist fil-Partit Laburista. Impjegati ohra anqas kwalifikati gew promossi anke minn gruppi inferjuri ghal dan il-post.

Illi ir-rikorrenti kien bi hsiebu jressaq in sostenn tal-ilment tieghu l-persuni elenkati fl-annessa lista.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talab sabiex dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment tieghu ai termini ta' l-Att Numru VIII tal-1997 u li jigi ordnat li jinghata l-promozzjoni ghall-Works Technical Officer u s-salarju konfacjenti ghal dan il-post mill-1988 jew alternattivament jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens sal-massimu skond kif stabbilit mill-ligi.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tad-Dipartiment tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent gie mpjegat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mit-2 ta' April 1979 bhala Labourer. Hu lahaq il-grad ta' mastrudaxxa fid-9 ta' Jannar 1981. Fis-7 ta' Mejju 1987 sar Chargehand u bir-riforma li giet fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1991, gie assimilat fil-grad ta' Assistant Technical Officer, kariga li ghadu jgawdi sal-lum.

Illi l-procedura stabbilita fir-rigward ta' promozzjonijiet mac-civil in generali u fid-Dipartiment tax-Xogholijiet in partikolari, dejjem kienet li tohrog sejha ghall-postijiet vakanti. Fil-kaz tar-rikorrent, is-sejha msemmija hija dik b'numru 27/88 datata 4 ta' Marzu 1988.

Illi r-rikorrent applika ghal din is-sejha partikolari u nghata n-numru 139 bhala n-numru ta' referenza. Hu applika ghal zewg pozizzjonijiet cioe' dik ta' Foreman of Works, u Machinery & Workshop. Eventwalment, ir-rikorrent gab 42 marka u 39 marka rispettivament.

Illi r-rikorrent naqas fiz-zewg istanti li jikkwalifika jew li jilhaq il-kriterji pristabbiliti mill-Bord kompost, jigifieri li jgib marka ghola minn dik ta' 50.

Il-Bordijiet rispettivi appuntati biex jiddeterminaw min kien jikkwalifika ghas-sejhiet hawn fuq imsemmija kienu komposti minn Chairman, membru tad-Dipartiment u rapprezentant ta' l-Establishments.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent pprezenta affidavit fejn semma li ghamel zewg interviews ghall-Machinery & Workshop u Foreman of Works. Sostna li lilu ma approvawhx ghall-post ta' WTO u lahqu nies anqas kwalifikati minnu. Kien hemm min anke kien fi grades inferjuri u lahquh u irrefera ghall-applikanti bhal George Debono, David Cassar, Joseph Pace, Nicholas Aquilina, John Bonello, Mario Camilleri, Thomas Camilleri, Joseph Dougall u Francis Vella. Semma li dawn kien Group D ad eccezzjoni ta' Francis Vella li kien Group B. Wara hu gie trasferit mat-Traffic Section. Wara qabduh xoghol impenjattiv b'mod li ghalkemm ma kienx WTO fil-fatt kien qed jaqdi dmirijiet kompatibbli ma' dan il-grad. Fil-fatt meta spicca minn mas-Sur Casingena, floku ntbaghat WTO li kien Carmelo Dalli.

B'effett tar-Riforma fis-Servizz Civili, sar Assistant technical Officer. Esebixxa kopja tas-Service & Leave Record tieghu. Semma li ilu ghal zmien twil agent tal-Partit laburista fl-Elezzjonijiet u f'Kumitati lokali tal-istess Partit. Sostna li ghalhekk illi saret ingustizzja mieghu anke minhabba t-twemmin politiku.

Wallace Casingena li hareg b`invalidita` mix-xoghol xehed li qabel kien Scale 8 u kien Works Manager. Fl-1988 kien Technical Officer 3 fid-Dipartiment tax-Xogholijiet fis-settur tal-ilma. Wara kien trasferit fil-garaxx tal-Gvern taht is-Sur Vince Magri. Ghall-habta tal-1991, 1992 kienet saret il-Quality

Control Section u kien in charge. Semma li r-rikorrent kien l-ewwel assistent tieghu u dan kien chargehand. Xogholu kien vast u kien jinkludi kemm l-injam kif ukoll il-hadid pero` principalment l-injam. Xogholu kien bhala Quality Controller fis-sens li kien jara dwar l-ordnijiet, li x-xoghol isir, isir kif suppost, isir skond is-sengha u jara l-prodott finali. Ix-xoghol tar-rikorrent meta kien tahtu dejjem kien tajjeb, jaghmel xogholu b` mod fitt izzejjed. Kien responsabbli wkoll mit-trasport kif ukoll kien jaghmel xoghol klerikali.

Minfloku gie Carmelo Dalli li kien WTO u cioe` bniedem fi grad aktar gholi.

Paul Scicluna Ufficjal Ezekuttiv fid-Dipartiment tax-Xogholijiet. ikkonferma l-kontenut tar-risposta tad-dipartiment u esebixxa dokument fejn jindika r-rilevanza ta` kull impjegat li gie msemmi mir-rikorrent in kwistjoni mal-promozzjonijiet u hatriet. Fid-data tal-applikazzjoni kien hemm min kien fi grad inferjuri ghar-rikorrent izda kien dahal zmien qablu fis-servizz pubbliku. Kollha dahlu qablu barra wiehed li dahal mieghu. Irreferixxa ghal Bonello John. Dan kellu l-istess grad bhalu. Dan lahaq izda r-rikorrent le. Kien hemm min kellu grad inferjuri ghalih u lahaq WTO. Li lahqu huma dawk li fil-kolonna WTO hemm id-data ta` meta fil-fatt lahqu.

Ikkunsidra li f'dan il-kaz ir-rikorrent jallega li saret ingustizzja mieghu meta fl-24 ta' Lulju, 1989 ma lehaqx Works Technical Officer. Ir-rikorrent ghamel prova li hu haddiem efficjenti u dedikat. Ghamel prova li kien hemm min qabzu fil-promozzjoni. Il-posizzjoni kollha tista' tigi dettaljatament deskritta ghalkemm fil-qosor fi kliem Paul Scicluna li qal hekk:

"Fid-data tal-applikazzjoni kien hemm min kien fi grad inferjuri ghar-rikorrent izda kien dahal zmien qablu fis-servizz pubbliku. Kollha dahlu qablu barra wiehed li dahal mieghu. Qieghed nirreferixxi ghal Bonello John. Dan kellu l-istess grad bhalu. Dan lahaq izda r-rikorrent le. Kien hemm min kellu grad inferjuri ghalih u lahaq WTO."

Ir-rikorrent ma gabx prova ta' xi certifikati jew kwalifiki superjuri ghal ta' min lehaq. Ma ingibx xhud wiehed li semma li r-rikorrent kien superjuri fix-xoghol ghal min lehaq. L-unika prova li gab hi li hu efficjenti u li ghall-promozzjoni tal-1989 kien inqabez. Izda fil-verita' meta minn sar jew kien dahal qabel l-istess rikorrent jew mieghu u precedentement kien qabizhom hu stess. Ir-rikorrent ma irnexxilux jipprova li mieghu saret ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha. Ma ipprova xejn li xi wiehed mill-interviewing Board kellu kontrih. Fi ftit kliem l-ilment mhux ippruvat.

Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat u jichad l-ilment tar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.